**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 1150/2021 LC

**L-AVUKAT DR PAUL GAUCI MAISTRE (K.I. 299652M)**
**F'ISMU PROPRIJU U BĦALA MANDATARJU TA'**
**ANTHONY GAUCI MAISTRE (K.I.765743M)**
**MARCELINE GAUCI MAISTRE (K.I. 701654M)**
**L-AVUKAT DOTTOR GODFREY GAUCI MAISTRE**
**(K.I. 482740M)**
**JOAN GAUCI MAISTRE (173A)**
**PETRINA SIVE PAT GAUCI MAISTRE (K.I. 521450M)**
**JOHN GAUCI MAISTRE (K.M.33448M)**
**ANN MARIE GAUCI MAISTRE (K.I. 372959M)**

*vs*

**VINCENZA MICALLEF (K.I. 545138M)**

**U**

**AWTORITA' TAD-DJAR**

Illum, 05 ta' Diċembru, 2022

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre K.I. 299652M f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' Anthony Gauci Maistre (K.I.

765743M), l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre (K.I. 482740M), Joan Gauci Maistre (173A), Petrina sive Pat Gauci Maistre (K.I. 521450M), John Gauci Maistre (K.M. 33448M), Ann Marie Gauci Maistre (K.I. 372959M) u Marceline Gauci Maistre (K.I. 701654M) fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

i) Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Vincenza Micallef (K.I. 545138M) li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja skond l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe' regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom;

ii) Jiddikjara ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tad-dar numru sitta u tletin (36) (gja numru ghoxrin 20) Triq San Ġużepp, Sliema għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix fil-mija t-tnejn (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ.

iii) Jordna u jikkundanna lill-intimata Vincenza Micallef (K.I. 545138M) tibda tħallas din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

iv) Jordna, f'każ li l-intimata ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimata mill-fond sovra indikat fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn.

Bl-ispejjeż kontra l-intimaati li minn issa inġunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-04 ta’ Marzu, 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jippruvaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond (ii) l-atturi wkoll għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti awturi tagħhom; (iii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m’għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u; (v) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta’ Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (vi) f’każ li l-inkwilini jissodisfaw t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f’ammont ta’ mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimata Vincenza Micallef (K.I. 0545138M), datata l-10 ta’ Marzu, 2022 fejn eċċepiet li :

1) Illi fil-mertu, l-esponenti tokkupa l-fond *de quo agitur* ċioe’ dak bin-numru 36, Triq San Ġużepp, Tas-Sliema, Malta, u dan b’titolu validu ta’ kera, kif ser jiġi pruvat waqt is-smiegħ ta’ dan il-każ.

2) Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet;

3) Illi fl-ewwel lok l-esponenti dejjem aġixxiet skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi, anzi addirittura hija l-inkwilina idoneja ai termini tal-istess liġi, saħansitra hija rikonoxxuta wkoll mir-rikorrenti kif jirriżulta mil-ismijiet tal-kawża de quo, u qatt ma kisret il-kundizzjonijiet tal-kiri jew dawk imposti mil-liġi, u

dejjem ħallset il-kera fil-ħin, dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

4) Illi bla ħsara għas-suespost, għandu wkoll jingħad, illi jekk l-esponenti għamlet ix-xogħlijiet u/jew benefikati fl-imsemmi fond, kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża, dan għandu wkoll jittieħed in konsiderazzjoni meta dan l-Onorabbli Bord, jevalwa l-valur lokatizzju tal-istess fond;

5) Illi għandu wkoll jingħad, li l-esponenti qiegħda tgawdi d-drittijiet tagħha fuq il-proprjeta' *de quo agitur* b'titolu ta' lokazzjoni kif permessi skond il-liġi u fl-ammont ta' kera kif stabbilita' taħt il-liġijiet tal-kera u għalhekk mhux qed tippreġudika d-drittijiet tar-rikorrenti. Illi di piu, permezz tal-Artikolu 1531C tal-Kodici Ċivili nħoloq mekkaniżmu ta' awment fil-kera li permezz tiegħu l-kera tiżdied kull tliet (3) snin b'mod proprorzjonali għall-mod li bih ikun żdied l-indiċi tal-inflazzjoni;

6) Illi bl-introduzzjoni tal-Att XXIV tal-2021 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2021 u l-emendi li saru fil-Kap 69, b'mod speċjali l-introduzzjoni tal-Artikolu 4A, il-liġi qed tagħti rimedju effettiv ghall-infrazzjonijiet futuri li jistghu iġarrbu r-rikorrenti. Għaldaqstant permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġodda, l-intimata tista' tibqa' tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

7) Illi mingħajr preġudizzju, l-liġi tistipula massimu ta' tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur u għalhekk il-liġi mhix tassattiva f'dan il-perċentwali u li fl-umli opinjoni tal-esponenti ma jeżistux il-kriterji neċessarji sabiex dan l-Onorabbli Bord imur għall-massimu stabbilit bil-ligi;

8) Illi bla preġudizzju għas-sueċċepit, u kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-esponenti tissodisfa u tikkwalifika għat-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant, l-esponenti hija persuna li timmerita l-protezzjoni soċjali biex ikollha akkomodazzjoni adegwata u xierqa għad-dinjita' tagħha ;

9) Illi l-proprjeta' hija l-uniku residenza li għandha l-esponenti fejn hija tista' toqgħod, di piu hija m'għandhiex il-mezzi li jippermettulha biex ikollha proprjeta' altetrnattiva;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' din l-istanzi u kwalunkwe' ċedola depożitata, kontra r-rikorrenti.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-20 ta' Jannar, 2022, l-intimata wettqet it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit David Pace u l-Perit Joseph Bondin ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-

sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta’ abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta’ dan l-istess fond.

Illi skond l-affidavit tal-avukat Dr Paul Gauci Maistre, wara riċerka li huwa għamel tad-dokumenti kollha relattivi, huwa jiddikjara is-segwenti:

- Il-proprjetà ġiet għand ir-rikorrenti mill-wirt ta' (i) Ġużeppina Gauci Maistre, (ii) Maria Gauci Maistre; (iii) Giovanna Gauci Maistre; (iv) Agostino Gauci Maistre; (v) Mary Rose sive Marie Rosette Gauci Maistre; (vi) Joseph Gauci Maistre u (vii) mix-xiri mingħand Carmelina Gauci Maistre;

- Ġużeppina Gauci Maistre, xebba mietet fit-2 ta' Frar 1975 u permezz tat-testment tagħha tas-7 ta' Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin ħalliet is-sehem tagħha b'titolu ta' legat lil-ħutha Maria Giovanna, Carmelina u Agostino (Denunzja numru 3108/75).

- Maria Gauci Maistre, xebba mietet fit-2 t'Awwissu 1978 u permezz tat-testment tagħha tal-14 ta' Frar 1972 fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin ħalliet is-sehem tagħha b'titolu ta' legat mill-ħutha Giuseppina (li mietet qabilha), Giovanna, Carmelina u Agostino (Denunzja Numru 4230/78).

- B'nota ppreżentata fis-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1979 Agostino Gauci Maistre irrinunzja għal-legat lilu mħolli minn oħtu Maria Gauci Maistre u s-sehem tiegħu iddevolva fuq is-sitt itfal tiegħu - uħud mir-rikorrenti, l-avukat Dottor Godfrey, Joseph, Anton, Mary Rose xebba, John u l-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre.

- Ġovanna Gauci Maistre xebba mietet fil-5 ta' Awwissu 1981 u permezz tat-testment tagħha ta' 12 ta' Ġunju 1975 fl-atti tan-nutar Dottor Maurice Gambin ħalliet bħala l-eredi universali tagħha s-sehem li kellha lin-neputijiet - uħud mir-rikorrenti l-Avukat Dottor Godfrey, Joseph, Anton, l-avukat Dottor Paul aħwa Gauci Maistre (Denunzja numru 3407/81).

- Carmelina Gauci Maistre biegħet is-sehem tagħha fil-propjetà fuq imsemmija li r-rikorrenti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Gerard Spiteri Mempel tas-17 ta' Ġunju 1989.

- Agostino Gauci Maistre miet fil-15 ta' Frar 1985 u l-mara tiegħu Winifred xebba Mifsud mietet fit-3 ta' Novembru 1992 u permezz tat-testment tagħhom unica charta fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tal-15 ta' Ottubru 1968 innominaw bħala l-eredi universali tagħhom f' sehmijiet indaqs lit-tfal uħud mir-rikorrenti, l-avukat Dottor Godfrey, Joseph Anton, Mary Rose xebba, John, avukat Dottor Paul aħwa Gauci Maistre. (Denunzji numru 2520/85 u 1988/92 rispettivament).

- Mary Rose sive Rosette mietet xebba u intestata fil-15 ta' Marzu 2006 u l-wirt tagħha iddevolva fuq il-ħames ħutha l-avukat Dottor Godfrey, Joseph, Anton, John u l-avukat Dottor Paul aħwa Gauci Maistre. Id-dikjarazzjoni causa mortis saret

fil-15 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel.

- Joseph Gauci Maistre miet fis-26 ta' Settembru 2018 u permezz tat-testment tiegħu tat-12 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel, innomina lil martu Petrina sive Pat Gauci Maistre bħala l-unika eredi universali tiegħu. Dikjarazzjoni causa mortis tiegħu saret fit-12 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel.

B'hekk il-fond imsemmi llum jappartjeni kollu li r-rikorrenti flimkien bejniethom.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b’xi mod tinnega dan l-istat ta’ fatt kif dikjarat bil-ġurament mir-rikorrenti Dottor Paul Gauci Maistre, u għalhekk abbażi ta’ dan, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni.

Ikkonsidra;

Illi r-rikorrenti fir-rikors promotur jiddikjaraw illi l-fond ilu għal żmien twil miżmum b’kirja minn qabel l-1995 u l-intimata llum tħallas il-kera annwali ta’ €213.20. Illi da parti tagħha, l-intimata tikkonferma illi hija tokkupa l-fond de quo b’titolu validu ta’ kera.

Illi fid-dawl ta’ dawn id-dikjarazzjonijiet reċiproċi, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata hija effettivament l-inkiwlina tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi),

**ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) u b’hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B’hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Vincenza Micallef ma jeċċedix il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta. B’hekk, m’hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti proprjetà li tinsab f’kantuniera u mibnija fuq 2 sulari.

Illi l-periti tal-Bord wara li adottaw il-comparison method, l-opinjoni tagħhom, wara li ħadu konjizzjoni ta' l-inkarigu mogħti u tenut kont l-abitazzjoni u daqs tagħha, huma tal-fehma li l-valur ta' l-abitazzjoni fis-suq liberu preżenti huwa ta' tlett mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€375,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' sebat' elef u ħames mitt ewro (€7,500) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri;

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

2. Jilqa' t-tieni talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond numru 20, Triq San Ġużepp, Sliema għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Vincenza Micallef għall-ammont ta' sebat' elef u ħames mitt ewro (€7,500) fis-sena;

3. Jilqa' t-tielet talba u jordna lill-intimata Vincenza Micallef tħallas lir-rikorrenti *in solildum* il-kera hekk awmentata b'effett mil-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

4. Jiċħad ir-raba' talba stante illi l-intimata tissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**